

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 319, 20.10.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Frar 2015 – Fetim vs UASI – Solid Floor (Solidfloor The professional's choice)

(Kawża T-395/12) ⁽¹⁾

[*“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ Oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-Trade mark Komunitarja figurattiva Solidfloor The professional’s choice — Trade mark figurattiva nazzjonali preċedenti SOLID floor, isem tal-kumpanija u isem tad-dominju preċedenti Solid Floor Ltd — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”*]

(2015/C 096/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Fetim BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: L. Bakers, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Mondéjar Ortuño, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Solid Floor Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Malynicz, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-15 ta' Ġunju 2012 (Każ Nru R 884/2011 – 2), dwar proċediment ta' oppożizzjoni bejn Solid Floor Ltd u Fetim BV.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Fetim BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 355, 17.11.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Frar 2015 – Aer Lingus vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-473/12) ⁽¹⁾

[*“Għajjnuna mill-Istat — Taxxa Irlandiża fuq il-passiġġieri bl-ajru — Tariffa mnaqqsa għad-destinazzjonijiet li jinsabu sa massimu ta’ 300 km mill-ajruport ta’ Dublin — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Vantaġġ — Natura selettiva — Identifikazzjoni tal-benefiċċjarji tal-għajjnuna — Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 — Obbligu ta’ motivazzjoni”*]

(2015/C 096/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aer Lingus Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: K. Bacon, D. Scannell, D. Bailey, barristers, u A. Burnside, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, D. Grespan u T. Maxian Rusche, aġenti)

Parti konvenuta insostenn tal-parti konvenuta: L-Irlanda (rappreżentanti: E. Creedon, A. Joyce u J. Quaney, aġenti, assistiti minn E. Regan, SC, u B. Doherty, barrister)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/199/UE, tal-25 ta' Lulju 2012, dwar l-għajjnuna mill-Istat, il-każ SA.29064 (11/C, ex 11/NN) – Rati tat-taxxa differenzjati għall-ivvjaġġar bl-ajru implimentati mill-Irlanda (notifikata bid-dokument C(2012) 5037) (ĠU L 119, p. 30).

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/199/UE, tal-25 ta' Lulju 2012, dwar l-għajjnuna mill-Istat, il-każ SA.29064 (11/C, ex 11/NN) – Rati tat-taxxa differenzjati għall-ivvjaġġar bl-ajru implimentati mill-Irlanda, huwa annullat, sa fejn dan jordna l-irkupru tal-għajjnuna mingħand benefiċjarji, fl-ammont li huwa stabbilit għal EUR 8 għal kull passiġġier fil-premessa 70 tal-imsemmija deċiżjoni.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata, minbarra għall-ispejjeż tagħha, għal nofs l-ispejjeż sostnuti minn Aer Lingus Ltd.
- 4) Aer Lingus għandha tbat i nofs l-ispejjeż tagħha.
- 5) L-Irlanda għandha tbat i nofs l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 26, 26.01.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Frar 2015 – Ryanair vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-500/12) ⁽¹⁾

["Għajjnuna mill-Istat — Taxxa Irlandiża fuq il-passiġġieri bl-ajru — Rata mnaqqsa għad-destinazzjonijiet li jinsabu f'massimu ta' 300 km mill-ajruport ta' Dublin — Deċiżjoni li tiddikkjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tornda l-irkupru tagħha — Vantaġġ — Natura selettiva — Identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-għajjnuna — Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 — Obbligu ta' motivazzjoni"]

(2015/C 096/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ryanair Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: B. Kennelly, barrister, E. Vahida u I. G. Metaxas-Maragkidis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, D. Grespan u T. Maxian Rusche, aġenti)

Parti konvenuta insostenn tar-rikorrenti: Aer Lingus Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: K. Bacon, D. Scannell, D. Bailey, barristers, u A. Burnside, solicitor)

Parti konvenuta insostenn tal-konvenuta: L-Irlanda (rappreżentanti: E. Creedon, A. Joyce u J. Quaney, aġenti, assistiti minn E. Regan, SC, u B. Doherty, barrister)